**357. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**KONCESSJONI ENFITEWTIKA TA' SIT FIL- MARSA LIL SARTARD SHIP BREAKERS LTD**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti konċessjoni enfitewtika lill-Startard Ship Breakers Limited ta' sit fil-Marsa kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-sit fil-Marsa kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti lill-Sartard Ship Breakers Limited taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

07.10.1981